22003D0115

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 115/2003

tas-26 ta' Settembru 2003

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li ikkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il-quddiem referut bħala "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 47/2003 tas-16 ta' Mejju 2003 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni ta' l-assigurazzjoni ([2]), għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dan il-punt li ġej għandu jkun miżjud wara l-punt 13a (Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/17/KE) ta' l-Anness IX tal-Ftehim:

"13b. **32002 L 0092**: Id-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni ta' l-assigurazzjoni (ĠU L 9, tal-15.1.2003, p. 3)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2003/92/KE fil-lingwi Islandiż u Norveġiż, li għandhom ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol b'effett fis-27 ta' Settembru 2003, basta li n-notifiki kolha permezz ta' l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru mill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

([1]) ĠU L 193, tal-31.7.2003, p. 18.
([2]) ĠU L 9, tal-15.1.2003, p. 3.
(*) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma hija indikata.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Settembru 2003.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

H. S. H. PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN